Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 9 ta' Marzu 2001.

Avviz Nru:835/00

Francis Gauci

Vs

Rebecca Psaila

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tminn mitt lira hamsa u erbghin centezmu (Lm800.45c) bhala danni minnha kkagunati u minnu subiti in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara San Giljan fit-30 t'Ottubru 1999 meta waqt li hija kienet qed issuq il-vettura Nru HAS-707 habtet mal-vettura Nru LCB-994, propjeta' tal-attur u misjuqa minnu prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident l-konvenuta kienet unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tas-7 ta' Jannar 2000, dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Mejju 2000, u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mid-29 ta' Mejju 2000, kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici ; ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet lill-attur bil-gurament issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma; u ghaldaqstant qieghda tilqa' l-istess t-talba u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur s-somma mitluba ta' tminn mija liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm800.45c) ghar-ragunijiet kollha indikati fl-avviz. Filwaqt li tiddikjara illi l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident ossia kollizzjoni msemmija fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mid-29 ta' Mejju 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg